MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 312/2008

**Joseph Azzopardi ezercitanti l-kummerc ukoll f-isem Zener Services**

**V**

**Andrew Azzopardi**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Dicembru 2008, permezz ta' liema r-rikorrenti talab lil Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' tmint elef mitejn hamsa u erbghin euro (EUR 8,245) inkluz VAT rapprezentanti valur ta' xoghol li sar fuq inkarigu tieghu mir-rikorrenti fil-fond 53, Triq iz-Zewg Minijiet, l-Isla, oltre l-imghax legali mill-ewwel (1) ta' Frar 2007 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjes kontra l-intimat li jinsab ngunt in subizzjoni.

Rat illi l-intimat kien debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni permezz t'affissjoni fl-indirizz moghti fl-avviz, fl-Ghassa tal-Pulizija Imsida u fil-Kunsill Lokali tal-Imsida nhar it-tlieta (3) ta' Marzu 2008 (fol. tergo 22), u bil-publikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern nhar it-tlettax (13) ta' Marzu 2009 (fol. 21) u fil-gazetta lokali 'L-Orizzont' fis-sbatax (17) t'April 2009 (fol. 24).

Illi fis-seduta tas-sitta (6) ta' Mejju 2009 ir-rikorrenti pprezenta Kapitolu fil-konfront tal-intimat.

Rat illi fis-seduta tas-sitta (6) ta' Mejju 2009 l-intimat gie msejjah diversi drabi izda baqa ma deherx, la biex jikkontesta t-talba rikorrenti u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat dak li kellu jissottometti r-rikorrenti u jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tar-rikorrenti tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa t-talba rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmint elef mitejn hamsa u erbghin euro (€8,245) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------